# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
# MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 8 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs.**
**Paul Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni – kif sostitwita fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2009[1] - kontra Paul Azzopardi ta' 52 sena, iben Spiridione u Maria nee' Falzon imwieled il-Hamrun fid-19 t'Awwissu 1955 detentur ta' karta ta' identita' nru 556655M u residenti nru 155, Triq Brighella, Hamrun.

1. Billi akkuzat talli fid-9 t'Awwissu 2008 waqt tilwima mal-partner tieghu Simone Azzopardi, fi Triq Brighella Hamrun, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Simone Azzopardi f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta f'parti vitali tal-gisem tal-istess Simone Azzopardi kif gie ccertifikat minn

[1] Ara fol. 146 *et seq.* tal-process.

Dr. Kevin Borg M.D. 3143 tal-isptar Mater Dei liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu bi ksur tal-artiklu 41 (1a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum hin u cirkustanzi, fil-hin li kien qed jghamel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta, bi ksur tal-Art 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 t'Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:
4. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil partner tieghu li ilu joqghod maghha ghal dawn l-ahhar hdax-il sena, tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ta fastidju lil Simone Azzopardi b'mod li kien jaf lid an kien ta' fastidju ghaliha u dan bi ksur ta' Artikoli 251A(1)(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Simone Azzopardi, weggaghha b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat jew inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Simone Azzopardi li tigi omm it-tfal tieghu, ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk ikun ipprovokat jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Art 339(1), (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum tad-9 t'Awwissu, 2008 fl-istess lok u cirkustanzi volontarjament kisir il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u dagha bi ksur tal-Art 338dd u 339e tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
9. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Simone Azzopardi (Art 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
10. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta' Simone Azzopardi (Art 216(1) (Art 216(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
11. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi volontarjament ghamel sfregju gravi fil-wicc, fil-ghonq, jew f'xi wahda mill-idejn ta' l-istess Simone Azzopardi, (Art 218 1(b)) u meta din il-ferita saret fuq omm l-ulied biologici tieghu bi ksur tal-Art 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fid-29 ta' Lulju, 2009[2], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(1) Fl-artikoli 41, 214, 215, 218 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-artikoli 214, 215, 216, 217 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-artikoli 18 u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-artikoli 18 u 251B u tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-artikoli 18 u 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) Fl-artikoli 338dd u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(8) Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

---

[2] Ara fol. 152 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

## Il-Fatti

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Il-parte leza, Simone Azzopardi, kienet ilha tghix mal-imputat ghal l-ahhar hdax (11)-il sena qabel l-incident, u minnu kellha tlett itfal.
2. Dak in-nhar tal-incident, l-imputat allega li sab €50.00 neqsin mill-kartiera tieghu, u wahhal li hadithomlu Simone Azzopardi.
3. Il-kwistjoni bejn il-partijiet kibret waqt li l-imputat kien qed jiekol mat-tfal, u Simone Azzopardi bezghet minnu u telqet tigri l-barra mid-dar, pero l-imputat gera warajha b'mus, hi bdiet iddur ma mutur biex tevitah, imma Azzopardi beda jxejjer il-mus, u rnexxielu jolqotha darbtejn, darba fil-genb tal-lemin ta' wiccha u darba ohra fuq in-naha tal-lemin tal-aspett occipitali ta' rasha.
4. Il-parti leza hassha hazin u l-imputat ghena biex timtedd mal-art, sakemm giet l-ambulanza u haditha l-isptar Mater Dei, fejn sarulha punti fiz-zewg postijiet li l-imputat kien messha bil-mus.

## Konsiderazzjonijiet dwar Htija

Il-Qorti sejra tikkunsidra l-kwistjoni tal-htija o meno tal-imputat, fid-dawl tal-artikoli tal-ligi fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, kif migubura flimkien minnu stess.

Pero qabel taghmel dan, il-Qorti tixtieq taghmel zewg osservazzjonijiet preliminari fil-konfront tal-fatt li pendenti l-proceduri l-parti leza iddikjarat li qed tahfer lill-imputat, u rigward l-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat.

*<u>L-Ewwel Kwistjoni Preliminari – Il-mahfra tal-parte leza fil-mori ta' dawn il-proceduri</u>*

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2008,[3] Simone Azzopardi, il-parti leza, xehdet hekk: *"Nixtieq nahfirlu iva, pero bil-patt u kundizzjoni li ma nghixux taht l-istess saqaf."*

Pero l-Artikoli kollha indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju huma kollha prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio,* hlief ghall-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 543 tal-Kapitolu 9 jippreskrivi illi: *"Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
*[…]*
*(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*
*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika."*

L-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid illi: *""vjolenza domestika" tfisser kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wiehed fuq membru domestiku iehor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaguna hsara fizika jew morali lil haddiehor."*

Min-naha l-ohra, l-istess Artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika jghid ukoll illi *"membru domestiku"* tinkludi:
*… …*
*(viii) persuni li ghandhom jew kellhom tifel bejniethom; … …"*

Ma hemmx dubbju li l-imputat u l-kwerelanta Simone Azzopardi jaqghu fid-definizzjoni ta' "membru domestiku" taht il-Kapitolu 481, stante li mhux kontestat li ghandhom tlett itfal bejniethom. Konsegwentement din il-kontravvenzjoni fil-konfront tal-imputat, jekk

[3] Ara fol. 105 tal-process.

jigu ippruvati, jikkostitwixxu “vjolenza domestika” ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 481, u ghalhekk il-pulizija tista’ tipprocedi fuqhom *ex officio.*

Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz li dan l-incident sehh fil-prezenza ta’ ghall-inqas zewgt itfal minuri tal-partijiet, u wara li qieset ukoll li certament ma hux fl-ahjar interess tal-ulied minuri tal-parti leza u tal-imputat li jaraw xeni ta’ vjolenza domestika, apparti r-riskju li huma wkoll jistghu eventwalment jisfaw vittma ta’ tali vjolenza, hija tal-fehma li dawn il-proceduri kontra l-imputat ghandhom jitkomplew, anke fil-konfront ta’ din l-imputazzjoni taht l-Artikolu 339(1)(e).

*It-Tieni Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta’ qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta’ Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

(1) *L-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 41, 214, 215, 218 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

Mix-xhieda tal-parti leza Simone Azzopardi, korroborata mix-xhieda tat-tifla taghha Roanne Azzopardi, u dik tal-espert Serologista Paul Sultana, din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li kien l-imputat li kkaguna z-zewg incizjonijiet fil-wicc u fuq il-parti ta’ wara ta’ ras il-parti leza, permezz ta’ mus.

Dawn il-griehi gew kawzati dolozament, stante li mix-xhieda ta' Simone Azzopardi jirrizulta, li l-imputat qieghed il-mus fuq il-mejda, nonostante li hu u t-tfal kienu qed jieklu ghagin, u ghalhekk mhux verosimili li kellu bzonn juza l-mus biex jiekol. Inoltre hu mar jigri wara l-parti leza meta din harbet mid-dar, u din bdiet iddur ma' mutur biex ma jtihix. F'daqqa wahda beda jxejjer bil-mus u lahqatha f'wiccha.[4]

Fil-fatt, id-difiza ma gabet l-ebda prova biex tikkontradici dan il-fatt u lanqas ikkontestatu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Dak li d-difiza qed tikkontesta huwa n-natura tal-feriti li sofriet il-parti leza.

Fl-ewwel rapport tieghu,[5] l-espert Dottor Mario Scerri, wara li ezamina l-parti leza, qal hekk:

*"Illi fuq in-naha tal-lemin tal-wicc kien hemm incizzjoni li kienet suturata (Ara ritratt numru 2 u 3);*

*Illi din l-incizjoni kellha t-tarf superjuri taghha 1.5 centimetri nferjuri u 1.2 centimetri anterjuri mill-external auditory meatus tal-lemin;*

*Illi din l-incizjoni kienet twila 1.5 centimetri u wiesgha 0.1 centimetru (Ara ritratt numru 3);*

*Illi fuq in-naha tal-lemin tal-aspett occipitali tar-ras kien hemm incizjoni ohra li ukoll kienet suturata (Ara ritratt numru 4 u 5);*

*Illi t-tarf superjuri ta' din l-incizjoni kien 1.8 centimetri medjali mill-masteroid process;*

*Illi din l-incizjoni kienet twila 1.2 centimetri u wiesgha 0.1 centimetru (Ara ritratt numru 5);*

*Illi ma kienx hemm aktar lezjonijiet friski fuq il-persuna ta' Simone Azzopardi."*

[4] Ara xhieda ta' Simone Azzopardi a fol. 33 *et seq.* tal-process u x-xhieda minnha moghtija quddiem l-espert Dottor Mario Scerri.
[55] A fol. 75 tal-process.

Dottor Mario Scerri ikkonkluda l-ewwel rapport tieghu hekk:

*"6. Illi l-incizjoni deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-wicc kienet maghmula minn strument jaqta' u bil-ponta, kienet itwal milli kienet fonda u tista' thalli marka permanenti fil-wicc.*

*7. Illi l-incizjoni deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-aspett occipitali tar-ras kienet maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta u tista' tibqa' bhala marka permanenti."*

Fit-tieni rapport tieghu,[6] l-espert Dottor Mario Scerri mahtur mill-Qorti, wara li rega' ezamina lill-parti leza fl-20 ta' Novembru 2008, ikkonkluda hekk:

*"1. Illi c-cikatrici deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-wicc kienet rizultat ta' incizjoni li kienet maghmula minn strument jaqta' u bil-ponta.*

*2. Illi din ic-cikatrici tidher minn talking distance;*

*3. Illi ma kienx hemm evidenza ta' cikatrici vizibbli fuq in-naha tal-lemin tal-ghonq."*

Fir-rapport tieghu,[7] l-espert Dottor Jonathan Josylin, ukoll mahtur mill-Qorti, wara li ezamina lill-parti leza fit-18 ta' Mejju 2011 – cioe aktar minn 21 xahar minn meta sar l-incident – ukoll jikkonkludi li:

*"2. Il-griehi li qalghet fuq wiccha u ghonqha kienu maghmulin minn strument li jaqta'.*

*3. Illi t-ticrita fuq wiccha halliet cikatrici dritta jew 'scar' vertikali ta' xi centimetru hdejn haddejha fuq in-naha ta-lemin quddiem il-widna tal-lemin (Ara ritratti numru 2, 3, 4, u 5); Il-marka ma tidhirx mill-boghod imma wiehed irid jersaq vicin ('within talking*

[6] A fol. 104 tal-process.
[7] Ezebit bhala Dok JJ1 a fol. 171 tal-process.

*distance') sa xi metru biex tidher sew. It-ticrita halliet sfregju l-wicc li tidher mill-vicin biss."*

*3. Il-ferita li kellha fuq ghonqha wara l-widna tal-lemin ma hallietx marka permanenti jew sfregju (Ara ritratti numru 6 jew 7).*

Fid-dawl tas-suespost, il-Prosekuzzjoni ippruvat ghal grad rikjest fil-kamp kriminali li l-ferita fuq il-haddejn tal-lemin tal-parte civili ikkagunat sfregju permanenti.

Fix-xhieda tieghu, l-espert Dottor Mario Scerri[8] jerga' jirrepeti dak li qal fir-rapport tieghu li l-grieghi li soffriet l-parti leza kienu *"an incised wound. Issa by definition, an incised would is a lesion which is longer than its depth. Mhix stab wound, hija incizjoni."* Issa meta gie mistoqsi jekk fejn kienu l-feriti, kienx hemm xi perikolu ghal hajja tal-persuna, huwa wiegeb, li feriti f'kull parti tal-gisem hemm dan il-perikolu u specjalment fil-wicc.

Huwa vera li fin-nota tar-rinviju tal-gudizzju, l-Avukat Generali ma baqghax jakkuza lill-imputat b'attentat ta' qtil, izda sabiex din il-Qorti tiddetermina jekk l-imputat kellux l-intenzjoni li jikkaguna ferita gravi u permanenti f'wicc il-parti leza.

Fin-nota taghha d-difiza tghid li l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat ta' attentat li jgib mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq tal-parti leza ma tistax tirrizulta, ghax skond l-istess difiza *"il-ferita sehhet u mhux hemm biss attentat ... ... u ghalhekk stante li din l-akkuza kienet marbuta bl-attentat biss ma tistax tirrizulta."* Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan ir-ragunament. Il-fatt li l-parti leza soffriet ferita, recte feriti, ta' gravita limitata, ma jfissirx li l-imputat ma setghax kellu f'mohhu li jikkagunhalha feriti hafna iktar gravi, pero ma rnexxielux iwettaq fis-shih l-intenzjoni tieghu, minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

[88] Ara fol. 139 *et seq. tal-process.*

Pero, wara li l-Qorti qieset il-provi kollha u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija tal-opinjoni li l-provi migjuba ma wasslux ghal grad tal-prova rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat kellu f'mohhu li jikkaguna sfregju gravi u permanenti fil-wicc u fl-ghonq tal-imputata, kif kontemplat fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement, din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' offiza gravi fuq il-parti leza.

(2) *L-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 214, 215, 216, 217 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, ma hemmx dubbju li dawn l-imputazzjonijiet gew pruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Mill-provi jirrizulta li l-imputat ikkaguna sfregju f'wicc il-parti leza bi strument li jaqta'. Inoltre, l-imputat ikkommetta dan ir-reat fuq mara li maghha kellu tlett itfal, u li kienet ilha tghix fl-istess dar mieghu ghal hdax-il sena qabel l-incident, u dan fit-termini tal-Artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Fin-nota taghha, id-difiza ma kkontestatx dawn l-imputazzjoni, salv li qalet li l-vittma kienet hafret lill-imputat – pero kif qalet l-istess difiza, dan hu relevanti biss biex tigi kkalibrata l-piena.

Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

(3) *L-Imputazzjonijiet fl-artikoli 18 u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

L-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali jittratta dwar ir-reat ta' fastidju. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**, deciza fis-27 ta' Frar 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk fir-rigward ta' dan ir-reat:

[9] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*"Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. ... ...*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa fil-waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati."*

Fix-xhieda taghha, l-parti leza tallega li l-imputat kien ikun gieli jsawwatha bil-ponn jew b'idu, u li kienu jitlewwmu ta' sikwit. Imkien ma tallega li l-imputat kien itiha fastidju fis-sens tal-Artikolu 251A. L-allegazzjoni ta' vjolenza hija se mai jekk tigi ippruvata regolata mill-Artikolu 251B, li hija r-raba' imputazzjoni fil-kawza odjerna.

Konsegwentement, din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

(4) *<u>L-Imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 18 u 251B u tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>*

L-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-artikolu 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("*whose course of*

*conduct is in question*”), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza’ f’haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f’xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza’ fil-persuna l-ohra f’dik l-okkazzjoni. Dan ifisser li hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-*reasonable man*.

Simone Azzopardi xehdet li l-imputat ilu jsawwatha kemm damet tghix mieghu – cioe hdax-il sena. Kienet irraportatu xi drabi lill-Pulizija u dejjem hafritlu, izda r-relazzjoni ta’ bejniethom ma kinitx wahda tajba. Hija xehdet li ma telqitx mid-dar u marret tghix id-dar taghha, ghaliex peress li hi kellha tlett itfal tal-imputat, l-imputat xorta kien se jibqa’ jigi d-dar fejn tkun qed tghix biex jara lit-tfal bezghet li *“jerga’ jaghmilli xi pantomina ohra.”* Xehdet ukoll li hi telqet mid-dar tlett darbiet, ghal xi hmistax-il gurnata, imma mbaghad l-imputat kien imur ghandha jibki u hi tithassru u terga’ tirranga. Hija qalet li l-unika raguni ghalfejn kienet tahfirlu kien minhabba t-tfal u minhabba l-biza’ li isibha barra u jaghmlilha xi haga.

L-Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li:

*“(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

*(2) B’dan kollu, f’kull każ, ix-xiehda ta’ xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.”*

Fl-opinjoni tal-Qorti, ma hemm l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha ma temminx x-xhieda ta’ Simone Azzopardi, li ma giet bl-ebda mod kontradetta. Anki l-komportament taghha biss fl-incident odjern – fejn malli x-xhud rat li l-argument taghha mal-imputat se jiskala – argument li del resto kien fuq kwistjoni *de minimis* u cioe li kien qed jallega li haditlu €50.00 - u l-imputat qasmilha c-cavetta tal-post taghha, telqet mill-ewwel il-barra mid-dar biex tevita li jkomplu jargumentaw u fi kliemha *“nergghu l-istess pantomina.”* Dan hu konfermat mix-xhieda tat-tifla Roanne Azzopardi. Dan juri b’mod car, li Simone Azzopardi bezghet li l-argument jeskala tant li l-imputat jerfa’ idejh fuqha, kif kien soltu

jaghmel u telqet mid-dar biex tevita l-inkwiet. Altrimenti ma kienx hemm raguni, ghalfejn Simone Azzopardi titlaq mid-dar fuq argument li nqala' fuq €50.00 li l-imputat ma sabx. Inoltre, l-imputat wera l-karattru vjolenti tieghu meta qasmilha c-cavetta tad-dar taghha.

Ix-xhud WPS 220 Jeanette Grixti xehdet li xi nofs Lulju 2008, l-imputat kien mar jirrapporta li l-parti leza telqet mid-dar. Ir-raguni li taha kien li inqala' argument ghax hu biesha u hi kienet dahqet. Din certament mhix raguni kredibbli ghalfejn mara titlaq mid-dar. Il-verita hi, dik li qalet l-istess xhud, li l-parti leza telqet mid-dar ghax kellhom argument bejniethom, biex tevita li l-argument jikber. Hu vera li x-xhud qalet li ma jidhirlix li dak in-nhar intuzat vjolenza, imma sfortunatament huwa notorju li f'kazijiet ta' vjolenza domestika, il-parti abbuzata ma tirrapurtax lill-awtoritajiet jew ma tghidilhomx kollox ghal diversi ragunijiet.

Huwa sinifikanti li fil-kawza odjerna, minkejja li l-partijiet ghandhom tlett itfal zghar, Simone Azzopardi hafret lill-imputat, bil-kundizzjoni espressa li ma tghix aktar mieghu u li kienet ser tmur tghix fil-post taghha.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-opinjoni li din l-imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

(5) *L-Imputazzjonijiet kontemplati f<u>l-artikoli 18 u 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;</u>*

L-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali jirregola r-reat tal-ingurja. Mill-provi, ma jirrizulta bl-ebda mod li xi darba l-imputat ingurja lill-parti leza, anqas dak in-nhar tal-incident. Fix-xhieda taghha, Simone Azzopardi qalet biss li ghal bidu tal-argument beda jghid *"hafna paroli fil-vojt"*, minghajr ma spjegat dawn il-paroli f'hix kienu jikkonsistu.

Konsegwentement din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

(6) *L-Imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Il-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali tikkontempla l-kontravvenzjoni ta' ingurji u theddid, *"kemm-il darba il-fatt ma jkunx jaqa' taht disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici."* Dawn il-fatti fil-kaz odjern jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici, kif jidher mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat u ikkunsidrati aktar il-fuq, u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' din il-kontravvenzjoni.

(7) *L-Imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 338dd u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

L-Artikolu 339dd tal-Kodici Kriminal jikkontempla l-kontravvenzjoni tal-ksur tal-bon-ordni u kwiet tal-pubbliku. Din ovvjament giet ampjament pruvata ghax l-imputat kompla jigri wara l-parti leza fit-triq, u id-daqqiet bil-mus tahomla fit-triq.

Rigward l-Artikolu 339(e) – fl-ewwel lok dan ma jezistix u se mai r-riferenza kellha tkun ghall-artikolu 339(1)(e). Fi kwalunkwe kaz, imputazzjoni taht l-Artikolu 339(1)(e) diga giet ikkunsidrata iktar il-fuq.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Mill-konsiderazzjonijiet suesposti, l-imputat huwa hati li kkaguna ferita gravi lil parti civili skond l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali, u l-piena applikabbli hija ta' bejn

tlett xhur (3) u tlett (3) snin prigunerija. Id-difiza tissottometti li din hija l-unika imputazzjoni li l-imputat ghandu jinsab hati taghha.

Pero l-imputat instab hati wkoll tal-aggravju taht l-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali – cioe li kkommetta dan ir-reat bi strument li jaqta', u ghalhekk il-piena applikabbli hija dik bejn hames xhur u erba' snin prigunerija. Inoltre l-imputat instab hati tal-aggravju kontemplat fl-artikolu 222(1)(a) stante li r-reat gie kommess fuq omm uliedu, u konsegwentement il-piena trid tizdied bi grad, li jgib il-piena applikabbli ghal dan ir-reat ghal seba' xhur sa hames snin prigunerija.

Inoltre, l-imputat instab hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18 u 251B tal-Kodici Kriminali, cioe r-reat kontinwat ta' meta wiehed igieghel lill-ohrajn jibzghu li se tintuza vjolenza kontrihom. Ir-reat taht l-Artikolu 251B igorr mieghu piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn €4,658.75 u mhux iżjed minn €11,646.87, jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Peress li dan kien reat kontinwat, il-piena tista tizdied minn grad sa zewg gradi.

Il-kontravvenzjoni tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, ser tigi kkunsidrata li serviet bhala mezz ghal fini sabiex jigi kommess ir-reat ta' ferita gravi.

Fin-nota taghha d-difiza talbet l-isfilz tal-fedina penali aggiornata tal-imputat, ipprezentata mill-Prosekuzzjoni fl-ahhar tal-proceduri, stante li skond id-difiza qed tallega li din giet ipprezentata minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fil-fatt kienet il-Qorti stess li ex officio, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012,[10] ordnat lill-Ufficjal Prosekutur biex jezebixxi kopja tal-fedina penali flimkien man-nota tieghu. Din l-ordni inghatat fil-prezenza tal-akkuzat u tal-avukat difensur tieghu li ma qanqlu l-ebda oggezzjoni. Il-Qorti tat din l-ordni – kif taghmel f'kull kawza kriminali - f'kaz li tinstab htija, hi tkun tista' tara jekk l-imputat regghax xellef difrejgh mal-gustizzja fil-mori ta' dawn il-proceduri – u b'hekk tkun iktar gusta fl-ikkalibrar tal-piena, milli kieku kellha toqghod biss fuq il-fedina penali ezebiti fil-bidu ta' dawn il-proceduri.

---

[10] Ara fol. 172 tal-process.

Huwa vera li mill-fedina penali aggornata, jirrizulta li l-imputat ftit gimghat wara l-incident in kwistjoni, rega' kellu incident iehor mal-parte civile, u sfortunatament l-Ufficjal Prosekutur ghamel riferenza ghalih fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu dwar il-htija tal-imputat, meta l-kamp tal-provi tal-prosekuzzjoni kien maghluq. Pero din il-Qorti bl-ebda mod ma hadet dan il-fatt in konsiderazzjoni fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, stante li kif diga qalet, il-fedina penali aggiornata ordnat li tigi ezebiti biss biex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tkun f'pozizzjoni li tikkalibra l-piena ahjar.

Issa mill-fedina penali aggiornata jirrizulta illi l-imputat ghandu erbatax-il kundanna minn dawn il-Qrati. Il-maggoranza tal-kundanni jirrelataw ksur tal-ligijiet tas-sewqan, izda ghandu wkoll kundanna ta' serq aggravat u oha ta' recidiva, tlett kundanni li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, zewg kundanni li kkaguna ferita hafifa fuq persuna. Dawn il-kundanni jmorru lura ghas-sena 1998 u qabel. Pero l-ahhar kundanna hi li fil-11 ta' Lulju 2009 – cioe pendenti dawn il-proceduri – hu ikkaguna ferita hafifa lil Simone Azzopardi, il-parti leza fil-proceduri odjerni, ta' fastidju u li bl-imgieba tieghu gieghlha tibza li se tintuza vjolenza kontriha.

Ghalhekk, apparti l-fatt li l-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici, minkejja l-gravita ta' dawn il-proceduri li kienu ghadhom pendenti, l-imputat xorta azzarda javvicina u jikkaguna ferita hafifa fuq il-parte civili, u jikkometti l-istess reati li bihom hu akkuzat f'dawn il-proceduri.

Pero, il-Qorti trid tiehu ukoll in konsiderazzjoni li f'dawn il-proceduri, il-parti leza hafret lill-imputat u li huma ghandhom tlett itfal u jekk tinghata piena karcerarja effettiva – huma it-tfal, li diga kellhom trobbija trawmatika bi vjolazzjoni domestika li kienu jghixu fiha, li ser ibatu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 217, 221(1)(a), 18, 251B, 338dd tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli biss, u ma ssibux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u qed tilliberah minnhom. Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' multa ta' hamest elef Euro (€5,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u erbghin Euro (€140.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2017, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Fl-ahharnett, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elfejn mitejn u seba' u hamsin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€2,257.85) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont

jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Dott. Alan Zerafa**

**Deputat Registratur**